

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division) (ir-Renju Unit) fit-2 ta' Ottubru 2019 – Beverly Hills Teddy Bear Company vs PMS International Group

(Kawża C-728/19)

(2019/C 423/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Chancery Division)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Beverly Hills Teddy Bear Company

Konvenut: PMS International Group

Domandi preliminari

- 1) Sabiex ikun hemm il-protezzjoni ta' disinn Komunitarju mhux irreġistrat taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 (¹) tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji, billi d-disinn jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 11(1), okkażjoni ta' żvelar, fis-sens tal-Artikolu 11(2), għandha sseħħ fil-limiti ġeografiċi tal-Komunità, jew ikun biżżejjed li l-okkażjoni, irrisspettivament minn fejn seħħet, kienet tali li, fl-andament normali tan-negozju, setgħet rägħonevolment issir magħrufa fiċ-ċirkoli speċjalizzati fis-settur ikkonċernat, li joperaw fi ħdan il-Komunità (jekk jiġi preżunt li d-disinn ma ġiex żvelat b'mod kunkfidenzjali fis-sens tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 11(2))?
- 2) Id-data tal-istima tan-novità ta' disinn li għaliha qed tintalab protezzjoni bħala disinn Komunitarju mhux irreġistrat, fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Nru 6/2002, hija d-data li fiha d-disinn beda jibbenefika mill-protezzjoni bħala disinn Komunitarju mhux irreġistrat fis-sens tal-Artikolu 11 tar-Regolament, jew inkella d-data li fiha l-okkażjoni rilevanti ta' żvelar tad-disinn, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament, setgħet rägħonevolment issir magħrufa fl-andament normali tan-negozju fiċ-ċirkoli speċjalizzati fis-settur ikkonċernat, li joperaw fi ħdan il-Komunità (jekk jiġi preżunt li d-disinn ma ġiex żvelat b'mod kunkfidenzjali fis-sens tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 7(1)), jew inkella xi data oħra, u, f'dan il-każ, liema data?

¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 13, Vol. 27, p. 142.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal in Northern Ireland (ir-Renju Unit) fit-2 ta' Ottubru 2019 – TKF vs Department of Justice for Northern Ireland

(Kawża C-729/19)

(2019/C 423/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal in Northern Ireland

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: TKF

Konvenut: Department of Justice for Northern Ireland

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 75(2) tar-Regolament dwar il-Manteniment KE 4/2009⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat bħala li jaapplika biss għad-deċiżjonijiet li ngħataw fl-Istati li kienu Stati Membri tal-Unjoni meta ttieħdu dawn id-deċiżjonijiet?
- 2) Meta jitqies li l-Polonja bħalissa hija Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li huwa marbut bil-Protokoll ta' Den Haagen, deċiżjonijiet ta' manteniment meħuda minn qorti fil-Polonja fl-1999 u fl-2003, jiġifieri qabel ma l-Polonja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jkunu rreġistrati u infurzati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni skont kwalunkwe parti tar-Regolament KE 4/2009 (ir-Regolament dwar il-Manteniment), u b'mod partikolari:
 - (a) skont l-Artikolu 75(3) u l-Artikolu 56 tar-Regolament dwar il-Manteniment;
 - (b) skont l-Artikolu 75(2) u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament dwar il-Manteniment;
 - c) skont l-Artikolu 75(2)(a) u t-Taqsima 3 tal-Kapitolu IV tar-Regolament dwar il-Manteniment;
 - d) skont xi Artikoli oħra tal-istess regolament?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligli ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1; rettifikasi fil-ĠU 2011, L 131, p. 26; ĠU 2013, L 8, p. 19; ĠU 2013, L 281, p. 29).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2019 – Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-733/19)

(2019/C 423/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, M. Noort, P. Huurnink, aġenti)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġibha:

- tannulla:
- il-punt 1 tal-Parti D tal-Anness V dwar il-projbizzjoni tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku,
- il-punt 2 tal-Parti D tal-Anness V, sa fejn jipprevedi perijodu tranżitorju u kundizzjoni li tipprovdli li, għal kull Stat Membru, ma għandux ikun hemm iktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bi travu li tuża x-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku (il-punt 2(a)), u
- il-punti 3, 4 u 5 tal-Parti D tal-Anness V tar-Regolament ikkонтetestat⁽¹⁾;